

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/39**tal-10 ta' Jannar 2019****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti b'ħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.
- (2) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Awstralja, l-isem u l-indirizz tal-Internet tal-awtorità kompetenti nbidlu.
- (3) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Kanada, l-indirizzi tal-Internet tal-korpi tal-kontroll "Oregon Tilth Incorporated" u "TransCanada Organic Certification Services" inbidlu. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent tal-korp tal-kontroll "Organic Certifiers" ġie rtirat.
- (4) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Indja, l-isem tal-awtorità kompetenti tagħha nbidel.
- (5) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Ġappun, ir-rikonoxximent tal-korpi tal-kontroll "Japan Eco-system Farming Association" u "The Mushroom Research Institute of Japan" ġie rtirat.
- (6) Skont l-informazzjoni mogħtija minn New Zealand, l-isem tal-korp tal-kontroll "BioGro New Zealand" u l-indirizzi tal-Internet tal-korpi kollha ta' kontroll inbidlu.
- (7) Skont l-informazzjoni mogħtija mir-Repubblika tal-Korea, l-indirizzi tal-Internet tal-korpi tal-kontroll "Jeonnam bioindustry foundation" u "Green Environmentally-Friendly certification center" inbidlu. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent tal-korp tal-kontroll "Controlunion" ġie rtirat.
- (8) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Iżvizzera, l-isem u l-indirizz tal-Internet tal-korp tal-kontroll "IMOsuisse AG" inbidlu.
- (9) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista tal-awtoritajiet tal-kontroll u tal-korpi tal-kontroll li huma kompetenti biex iwettqu kontrolli u joħorġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini ta' ekwivalenza.
- (10) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Agricert- Certificação de Produtos Alimentares lda" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li hu għustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A u D għall-Eġittu, il-Guinea u l-Mozambique.
- (11) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Albinspekt" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa għustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D għall-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Montenegro, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja, u għall-kategorija tal-prodotti B għall-Iran, il-Kazakistan, il-Moldova, it-Turkija u l-Ukrajna.

⁽¹⁾ ĠUL 189, 20.7.2007, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠUL 334, 12.12.2008, p. 25).

- (12) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Bioagricert- S.r.l” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa’ l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A, D u E għall-Każakistan, u għall-kategorija tal-prodotti B għall-Polineżja Franċiża u għall-kategoriji tal-prodotti A u D għall-Filippini.
- (13) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn “Bio.inspecta AG” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa’ l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A u D għall-Alġerija, il-Kambodja, iċ-Chad u t-Tuneżija.
- (14) Fis-6 ta’ Settembru 2018, l-IOAS, korp ta’ akkreditazzjoni fil-qasam tal-produzzjoni organika, infurmat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li tirtira l-akkreditazzjoni ta’ “Bolicert Ltd” minħabba li dan il-korp tal-kontroll naqas milli jsovi n-nuqqasijiet ta’ konformità fin-numru massimu ta’ perjodi ta’ sottomissjoni permess taħt il-proċedura ta’ valutazzjoni tal-IOAS. Barra minn hekk, l-awditjar li wettqet il-Kummissjoni f’“Bolicert Ltd” fil-Bolivja f’Mejju 2017 żvela nuqqasijiet fl-istandard tal-produzzjoni organika u fil-miżuri ta’ kontroll. Fid-dawl ta’ din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni talbet lil “Bolicert Ltd” biex tippovdi ċertifikat ta’ akkreditazzjoni validu u biex tieħu l-miżuri adegwati biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Meta jitqies li “Bolicert Ltd” naqset milli tieħu azzjoni ta’ rimedju xierqa u f’waqtha biex tindirizza n-nuqqasijiet u milli tippovdi lill-Kummissjoni b’ċertifikat ta’ akkreditazzjoni validu, il-Kummissjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 12(2)(d), (e) u (f) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, li tirtira lil “Bolicert Ltd” mil-lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll għall-fini ta’ ekwivalenza.
- (15) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Ecocert SA” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jitwessa’ l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A u D għal-Libanu, għall-kategorija tal-prodotti B għall-Haiti, il-Moldova u t-Tanzanija, għall-kategorija tal-prodotti E għas-Sri Lanka u għall-kategorija tal-prodotti F għall-Kenja. Barra minn hekk, jidher li r-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodotti C irid jiġi rtirat fir-rigward tal-Brunei, iċ-Ċili, iċ-Ċina, l-Ekwador, Hong Kong, il-Honduras, l-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Marokk, Monaco, Madagascar, il-Mozambique, il-Perù, it-Tajlandja, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Istati Uniti u l-Vjetnam.
- (16) Il-Kummissjoni talbet lil “Ekoagros” biex tippovdi informazzjoni addizzjonali dwar l-attivitatijiet koperti fir-rapport annwali tagħha b’konformità mal-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. B’mod partikolari, “Ekoagros” intalbet tippovdi informazzjoni dwar kif in-nuqqasijiet ta’ konformità tal-operaturi li ttieħdu minn korpi tal-kontroll oħrajn fl-Ukrajna ġew indirizzati b’konformità mal-Artikolu 92 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008⁽³⁾. Barra minn hekk, Ekoagros intalbet tispjega kif ġew implimentati l-kontrolli addizzjonali għal ċerti prodotti li joriġinaw fl-Ukrajna, il-Każakistan u r-Russja. “Ekoagros” naqset milli tippovdi tweġibiet sodisfaċenti lill-Kummissjoni. Għalhekk, l-entrata ta’ “Ekoagros” għall-Ukrajna fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jenħtieġ li tiġi sospiżza sakemm tingħata informazzjoni sodisfaċenti.
- (17) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “IBD Certificações Ltda” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa’ l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A, D u E għar-Russja u li jiġi rtirat ir-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti C għall-Brażil.
- (18) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Letis S.A.” biex jinbidel l-indirizz tagħha u jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa’ l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodotti A għall-Uzbekistan, għall-kategoriji tal-prodotti A u D għall-Azerbajġan, il-Belarusja, l-Eġittu, il-Kosta tal-Avorju, il-Kirgiżistan, il-Marokk, it-Turkmenistan u l-Emirati Għarab Magħquda, għall-kategoriji tal-prodotti B u C għall-Costa Rica u għall-kategoriji tal-prodotti A, B, C u D għall-Belize, il-Brażil, il-Kolombja, ir-Repubblika Dominicana, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Panama u El Salvador.
- (19) Il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand “Oregon Tilth” biex jiġi rtirat ir-rikonoxximent tagħha għaċ-Ċina.
- (20) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Organic Control System” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa’ l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A, D u E għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.
- (21) Il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand “ORSER” biex jiġi rtirat ir-rikonoxximent tagħha għan-Nepal.
- (22) “Soil Association Certification Limited” innotifikat lill-Kummissjoni li nbidel l-indirizz tagħha.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta’ Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

- (23) Għalhekk, l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.
- (24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-entrata li tikkonċerna lill-**Awstralja**, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Awtorità kompetenti: Department of Agriculture and Water Resources,
<http://www.agriculture.gov.au/export/controlled-goods/organic-bio-dynamic>”;

(2) fl-entrata li tikkonċerna lill-**Kanada**, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli li jikkonċernaw in-numri tal-kodiċi CA-ORG-011 u CA-ORG-021 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“CA-ORG-011	Oregon Tilth Incorporated (OTCO)	http://www.tilth.org
CA-ORG-021	TransCanada Organic Certification Services (TCO Cert)	http://www.tcocert.ca/contacts/ ”

(b) titħassar ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi CA-ORG-012;

(3) fl-entrata li tikkonċerna lill-**Indja**, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Awtorità kompetenti: Agricultural and Processed Food Products Export Development Authority APEDA,
<http://www.apeda.gov.in/apedawebsite/index.asp>”;

(4) fl-entrata li tikkonċerna lill-**Ġappun**, jitħassru r-ringieli li jikkonċernaw JP-BIO-019 u JP-BIO-33;

(5) fl-entrata li tikkonċerna lil **New Zealand**, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Korpi tal-kontroll:

NZ-BIO-001	Ministry for Primary Industries (MPI)	http://www.mpi.govt.nz/exporting/food/organics/
NZ-BIO-002	AsureQuality Limited	https://www.asurequality.com
NZ-BIO-003	BioGro New Zealand Limited	https://www.biogro.co.nz ”

(6) fl-entrata li tikkonċerna lir-**Repubblika tal-Korea**, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli li jikkonċernaw in-numri tal-kodiċi KR-ORG-017 u KR-ORG-020 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“KR-ORG-017	Jeonnam bioindustry foundation	www.jbf.kr
KR-ORG-020	Green Environmentally-Friendly certification center	http://cafe.naver.com/greenorganic6279 ”

(b) titħassar ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi KR-ORG-018;

(7) fl-entrata li tikkonċerna lill-**Iżvizzera**, il-punt 5, ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi CH-BIO-004 hija sostitwita b'dan li ġej:

“CH-BIO-004	Ecocert IMOSwiss AG	http://www.ecocert-imo.ch ”
-------------	---------------------	---

ANNEX II

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-entrata li tikkonċerna lil **"Agricert - Certificação de Produtos Alimentares Ida"**, fil-punt 3 jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"EG-BIO-172	L-Eġittu	x	—	—	x	—	—
GN-BIO-172	Il-Guinea	x	—	—	x	—	—
MZ-BIO-172	Il-Mozambique	x	—	—	x	—	—"

- (2) fl-entrata li tikkonċerna lil **"Albinspekt"**, fil-punt 3 jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"AM-BIO-139	L-Armenja	x	x	—	x	—	—
BA-BIO-139	Il-Bożnija-Herzegovina	x	x	—	x	—	—
IR-BIO-139	L-Iran	—	x	—	—	—	—
KZ-BIO-139	Il-Każakistan	—	x	—	—	—	—
MD-BIO-139	Il-Moldova	—	x	—	—	—	—
ME-BIO-139	Il-Montenegro	x	x	—	x	—	—
MK-BIO-139	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	x	x	—	x	—	—
RS-BIO-139	Is-Serbja	x	x	—	x	—	—
TR-BIO-139	It-Turkija	—	x	—	—	—	—
UA-BIO-139	L-Ukrajna	—	x	—	—	—	—"

- (3) fl-entrata li tikkonċerna lil **"Bioagricert S.r.l."**, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

- (a) jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"KZ-BIO-132	Il-Każakistan	x	—	—	x	x	—
PH-BIO-132	Il-Filippini	x	—	—	x	—	—"

- (b) fir-ringiela li tikkonċerna lill-Polineżja Franċiża, jiżded salib fil-kolonna B;

- (4) fl-entrata li tikkonċerna lil **"Bio.inspecta AG"**, fil-punt 3 jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"DZ-BIO-161	L-Alġerija	x	—	—	x	—	—
KH-BIO-161	Il-Kambodja	x	—	—	x	—	—
TD-BIO-161	Iċ-Chad	x	—	—	x	—	—
TN-BIO-161	It-Tuneżija	x	—	—	x	—	—"

- (5) titħassar l-entrata li tikkonċerna lil **"Bolicert Ltd"**;

- (6) fl-entrata li tikkonċerna lil **"Ecocert SA"**, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

- (a) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"LB-BIO-154	Il-Libanu	x	—	—	x	—	—"
-------------	-----------	---	---	---	---	---	----

- (b) fir-ringieli li jikkonċernaw lill-Haiti, il-Moldova u t-Tanzanija, jżied salib fil-kolonna B;
- (c) fir-ringieli li jikkonċernaw liċ-Ċili, iċ-Ċina, l-Ekwador, Hong Kong, il-Honduras, l-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Marokk, Monaco, Madagascar, il-Mozambique, il-Perù, it-Tajlandja, it-Tuneżija, it-Turkija u l-Vjetnam, jitħassar is-salib fil-kolonna C;
- (d) fir-ringiela li tikkonċerna lis-Sri Lanka, jżied salib fil-kolonna E;
- (e) fir-ringiela li tikkonċerna lill-Kenja, jżied salib fil-kolonna F;
- (f) jitħassru r-ringieli li jikkonċernaw lill-Brunei u l-Istati Uniti;
- (7) fl-entrata li tikkonċerna lil **"Ekoagros"**, fil-punt 3, titħassar ir-ringiela li tikkonċerna lill-Ukrajna;
- (8) fl-entrata li tikkonċerna lil **"IBD Certificações Ltda"**, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:
- (a) tiddaħħal ir-ringiela li ġeja fl-ordni tan-numri tal-kodiċi

"RU-BIO-122	Ir-Russja	x	—	—	x	x	—
-------------	-----------	---	---	---	---	---	---

- (b) fir-ringiela li tikkonċerna lill-Brażil, jitħassar is-salib fil-kolonna C;
- (9) l-entrata li tikkonċerna lil **"Letis S.A."** hija emendata kif ġej:

- (a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Indirizz: Urquiza 1285 planta alta, Rosario, Santa Fe, Arġentina";

- (b) fil-punt 3, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"AZ-BIO-135	l-Ażerbajġan	x	—	—	x	—	—
BY-BIO-135	il-Belarusja	x	—	—	x	—	—
BZ-BIO-135	Il-Belize	x	x	x	x	—	—
BR-BIO-135	Il-Brażil	x	x	x	x	—	—
CI-BIO-135	Il-Kosta tal-Avorju	x	—	—	x	—	—
CO-BIO-135	Il-Kolombja	x	x	x	x	—	—
CR-BIO-135	Il-Costa Rica	—	x	x	—	—	—
DO-BIO-135	Ir-Repubblika Dominicana	x	x	x	x	—	—
EG-BIO-135	L-Eġittu	x	—	—	x	—	—
GT-BIO-135	Il-Gwatemala	x	x	x	x	—	—
HN-BIO-135	Il-Honduras	x	x	x	x	—	—
KG-BIO-135	Il-Kirgiżistan	x	—	—	x	—	—
MA-BIO-135	Il-Marokk	x	—	—	x	—	—
PA-BIO-135	Il-Panama	x	x	x	x	—	—
SV-BIO-135	El Salvador	x	x	x	x	—	—
TM-BIO-135	It-Turkmenistan	x	—	—	x	—	—
AE-BIO-135	L-Emirati Għarab Magħquda	x	—	—	x	—	—
VN-BIO-135	L-Użbekistan	x	—	—	—	—	—

- (10) fl-entrata li tikkonċerna lil **“Oregon Tilth”**, fil-punt 3, titħassar ir-ringiela li tikkonċerna liċ-Ċina;
- (11) fl-entrata li tikkonċerna lil **“Organic Control System”**, fil-punt 3, tiddaħħal ir-ringiela li ġeġja fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“MK-BIO-162	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	x	—	—	x	x	—”
-------------	--	---	---	---	---	---	----

- (12) fl-entrata li tikkonċerna lil **“ORSER”**, titħassar ir-ringiela li tikkonċerna lin-Nepal;
- (13) fl-entrata li tikkonċerna lil **“Soil Association Certification Limited”**, il-punt 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
 “1. Indirizz: Spear House 51 Victoria Street, Bristol BS1 6AD, United Kingdom”.